MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 493/2001/1

**L-Avukat Dottor David Tonna bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Irdeto Access B.V.**
**vs.**
**Victor Fiorentino u Dr Renzo Porsella Flores u il-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tas-17 ta' April, 2001 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ehab Fouad Tolba Mohammed u l-Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur nomine fid-29 ta' Marzu, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta' attrici topera fil-qasam tat-televizzjoni satellitari u hija l-proprjetarja tad-drittijiet intelletwali li jinkludu, izda li mhumiex limitati ghall-privattivi, drittijiet ta' l-awtur u drittijet ohra relatati, drittijiet relatati ma protezzjoni ta' sigrieti industrijali u ta' informazzjoni konfidenzjali ohra inkluzi drittijiet ta' "know how" minghajr

privattivi, disinji u “trademarks” li jikkomprendu dawn li gejjin – “Scrambler”, “data encryptor”, “Software”, “CA Module”, “Irdeto Loader”, u “Smart Cards” – u dan kif hu ben spjegat fl-affidavit ta’ Graham Andrew Kill, Chief Executive Officer tas-socjeta’ attrici hawn anness bhala Dokument “A”;

Illi s-socjeta’ attrici tipproduci Smart Cards li fuqhom jigi registrat “software” li flimkien ma apparat iehor jippermetti l-access ghat-televizzjoni satellitari u “pay-TV” u ta’ liema “cards” u “software” is-socjeta attrici ghanda d-drittijiet ta’ l-awtur;

Illi fid-19 ta’ Frar, 2001, l-konvenuti minghajr il-licenzja tas-socjeta’ attrici dahhlet jew ippruvat iddahhal gewwa Malta, u / jew importat temporanjament u / jew qieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles konsenja ta’ tlett elef (3000) “gold wafer cards”, maghrufin ahjar bhala “decoder cards” jew “Smart Cards” liema “cards” bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap. 414;

Illi dawn il-“cards” gew importati bhala “blanks”, jigifieri vojta minn kull kontenut u li ghalhekk l-unika ghan taghhom huwa dak li jiffacilitaw it-tnehhija mhux awtorizzata jew iqarrqu b’mezz jew mezzi teknici applikati mis-socjeta’ attrici biex tipprotegi x-xoghol taghha kontra kkupjar ta’ dan l-istess xoghol li huwa elegibbli ghad-drittijiet ta’ l-awtur taht l-Att Dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur (Kap. 415) u dan bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta’ attrici taht l-imsemmi Kap 415;

Illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanja u / jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta intelletwali huwa projbit skond l-artikolu 4 ta’ l-istess Kap 414;

Illi din il-konsenja ta’ “cards” jinstabu mizmumin ghand il-Kontrollur tad-Dwana wara applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur wara li giet provduta lilu l-informazzjoni kollha pertinenti  sabiex ikun jista jiddeciedi dwar il-kaz;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex in vista tal-permess din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti kisru d-drittijiet ta' l-awtur tas-socjeta' attrici bl-importazzjoni ta' dawn id-"decoder cards" kontra l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap. 415)
2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporajna u / jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles tal-imsemmija "cards" da parti tal-konvenuti jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta Intelletwali (Mizeuri Intrakonfini), Kap 414;
3. Tordna l-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-"cards", in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414 u taht kwalunkwe provvediment li l-Qorti jidhrilha xieraq;
4. Tordna kull rimedju iehor li tista skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) Kap 414 fil-konfront tas-socjeta attrici;

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' notifika tac-citazzjoni lill-Avukat Generali ai termini tal-Artiklu 181B(3) tal-Kap. 12;
2. Preliminarjament ukoll, illi l-esponent gie mharrek inutilment u mhux il-legittimu kuntradittur f'dan il-proceduri stante li dawn huma proceduri biex ikun dikjarat li prodott huwa falz;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent agixxa skrupolozament skond il-provedimenti tal-Att V111 tal-2000, u ghalhekk m'ghandu jkun ikundannat ihallas l-ebda spejjez;
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-tielet talba tas-socjeta' attrici, huwa jirrimetti ruhu ghal dawk l-ordnijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti

joghgobha taghti, b'mod partikolari lilu bhala l-awtorita' li ghandha l-poter u l-obbligu li thaddem l-Att V111 tal-2000 u bhala l-awtorita' li bhalissa ghandha fil-pussess taghha l-merkanzija in kwistjoni;

Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Fiorentino, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-attur irid jgib prova li huwa detentur legali tad-drittijiet ta' l-awtur kif ukoll li huwa detentur legali tal-proprejta' intelletwali in kwistjoni;
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost irid jigi eccepit illi l-Ismart cards in kwistjoni huma memory cards mhumiex oggetti li jikkontravjenu dritt dwar proprjeta' intellettwali, mhumiex oggetti falsifikati, mhumiex oggetti mdahhla b'piraterija u lanqas huma oggetti li jikkontravjenu privattiva taht il-ligi ta' Malta;
3. Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kellu qatt l-intenzjoni li jaghmel uzu minn dawn il-cards bhala access ghat-televizjoni satellitari u lanqas ghal pay TV;
4. Illi lanqas huwa minnu dak li qed jinghad fil-premessi tac-citazzjoni **li dawn il-cards gew importati bhala blanks …. u li ghalhekk l-uniku ghan taghhom huwa dak li jiffacilitaw it-tnehhija mhux awtorizzata jew iqarrqu b'mezzi teknici applikati mis-socjeta' attrici biex tipprotegi x-xoghol taghha kontra kkupjar ta' dan l-istess xoghol** u dan kif ser jigi ampjament ppruvat fil-kawza;
5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu ghar-raba' (4) talba attrici l-konvenut qatt ma agixxa dolozament, agixxa in buona fede kif jista jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi;
6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma sofriex danni;

7. B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Victor Fiorentino;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr Renzo Porsella Flores u l-PL Veronica Rossignaud, li *in forza* taghha huma eccepew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ‘l quddiem;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Renzo Porsella Flores u l-PL Veronica Rossignaud;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Mejju 2002 li permezz tieghu hatret lil Martin Bajada bhala Perit Tekniku sabiex jezamina l-ismart cards jew gold cards in kwistjoni u jirrelata jekk dawk il-cards humiex blank u ghal liema skopijiet jistghu jintuzaw;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Martin Bajada ipprezentat u mahluf minnu fl-24 ta’ Marzu 2003;

Semghet lix-xhieda li tressqu, id-dokumenti li gew prodotti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur nomine, tal-konvenuti kuraturi deputati u tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana;

Rat illi l-konvenut Victor Fiorentino ma ipprezentax nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Perit Tekniku Martin Bajada, wara illi ezamina tnax il-kampjun kif spjegat dettaljatament fir-rapport tieghu, wasal ghall-konkluzjoni illi dawn il-cards huma Gold Wafer

Cards li jistghu jigu ipprogrammati minn diversi apparat li jinsab fis-suq u huma tip ta' cards idejali ghall-uzu maghruf bhala field programming and reprogramming.

Illi it-teknologija uzata fuq l-Gold Wafer Cards gejja mill-familja ta' l-Smart Cards liema teknologija illum il-gurnata hija uzata f'diversi setturi fosthom, telefonija, telefonija cellulari, ATM's, loyalty schemes, internet, servizzi bankarji, Susctiption TV, Pay TV, fosthom Satellite TV.

Illi din it-teknologija tippermetti li informazzjoni personali u utili tkun miktuba fuq l-Smart Card. Meta dina l-card taghmel interface (tintuza) mas-sistema li l-card tkun inharget ghaliha, ma dan l-interface l-informazzjoni ta' fuq il-card tigi verifikata u s-servizz li ghalih tkun mahruga jigi pprovdut lil dak l-abbonat jew persuna li ghamel uzu minn dik il-card. Ta' min jghid li tali informazzjoni tkun encrypted ghal fini ta' sigurta'.

Il-Gold Wafer Card tintuza l-aktar ghal Satallite Subscription jew Pay TV. Uzu iehor ta' dina l-card huwa fil-qasam tal-informatika fosthom internet, u servizzi bankarji ATMs. L-uzu huwa dejjem karatterizzat mill-fatt li fuq il-card, waqt l-uzu, tigi miktuba informazzjoni gdida. Tali informazzjoni gdida tkun kemm ghall-fini ta' sigurta', kemm ghall-informazzjoni fuq is-servizz uzat, kif ukoll, fil-kaz ta' Satellite Subscription jew Pay TV, informazzjoni utili ghal access fuq dawk ic-channels, liema informazzjoni tinbidel kull darba li l-abbonat jaghmel access ghal Pay TV channel.

Ta' importanza huwa l-fatt li f'certu pajjizi l-importazzjoni ta' dawn il-Gold Wafer Cards hija projbita jew kontrollata mill-istat.

Ghaldaqstant il-Perit Tekniku ikkonkluda illi :

a) Mill-analisi tal-kampjuni (tnax b'kollox), dawn il-Gold Wafer Cards huma BLANKS.

b) Li l-uzu ta' Gold Wafer Cards huwa l-aktar popolari ghall-fini ta' Satellite Subscription jew Pay TV, pero' tali cards ghandhom uzi ohra kif spjegat hawn fuq.

Illi l-Perit Tekniku xehed u qal illi dawn it-tip ta' cards jistghu jigu ipprogrammati permezz ta' kull computer, pero' irid ikun hemm apparat sabiex ikun jista jaqra il-cards stess peress li din il-card ikolla ic-chip partikolari taghha. Huwa xehed illi kull provider tat-television bis-satallite ikollu kodici sabiex wiehed ikun jista jidhol fit-trasmissjonijiet tieghu. Jekk tinstab din il-kodici, min ikollu l-card u min ikollu il-card b'din il-kodici ikun jista jidhol f'dawn it-trasmissjonijiet. Il-cards in kwistjoni jaghtu access ghal kwalunkwe haga basta ikun hemm il-code ghar-rigward ta' dak is-servizz li inti trid illi jkollok. Huwa xehed illi l-cards illi huwa ezamina kienu vojta u illi f'Malta ma hemmx restrizzjoni fir-rigward ta' dawn il-cards. Huwa xehed ukoll illi min jipprovdi trasmissjonijiet bis-satallite ikollu zewg inscriptions li huma importanti fil-card, cioe' dak li jaghtik access ghat-trasmissjonijiet kollha u dak li jaghti access ghal certi trasmissjonijiet. Li huwa importanti huwa li wiehed ikollu l-access ghat-trasmissjonijiet kollha u generament il-kodici idum fis-sehh ghal xahar. Min ikun qed jipprovdi it-trasmissjonijiet ikun jista jipprovdi wkoll il-kodici il-gdid u wiehed jista jmur ghand provider li jista ibiddillu il-kodici. Dan ovvjament meta l-affarijiet ikunu qed isiru b'mod legali, izda jista jkun li l-affarijiet isiru b'mod illegali, fis-sens illi wiehed isib il-kodicijiet fuq xi program tal-internet, il-program jigi downloaded u jigi transcribed fuq il-card u b'hekk ikun hemm access ghat-trasmissjonijiet. Huwa xehed illi generalment meta wiehed jixtri, jew jinstalla satellita biex jara it-trasmissjonijiet bis-satellita, huwa jkollu access ghal certi trasmissjonijiet. Mistoqsi x'raguni setgha kien hemm sabiex konsumatur jixtri card vojta, Martin Bajada xehed illi l-uzu jista jkun ghal min qed jipprovdi is-servizz, sabiex dan ikun jista` jimla dawn il-cards u jaghti access ghal certi trasmissjonijiet. Huwa xehed illi l-uzu ta' dawn il-cards huwa infinit peress li hemm diversi tipi ta' uzu li jista isir permezz ta' dawn il-cards. Jistghu ukoll jintuzaw in konnessjoni ma mobile phones, izda l-aktar li jintuzaw huwa ghall-uzu irregolari, biex jigu ikkupjati il-programmi u dawn jaghtu access ghal certu servizzi. Huwa xehed illi l-uzu ta' dawn il-cards huwa limitat hafna fis-suq lokali u qal illi kien qieghed jirrizultalu illi effettivament dawn il-cards

kienu intizi biex imorru f'post iehor, ma thallewx jidhlu u ghalhekk sabu ruhhom f'Malta u qal illi din l-informazzjoni tahielu Karm Portelli, Ufficjal tad-Dwana.

Illi xehed Carmel Portelli, Chief Inspector fid-Dipartiment tad-Dwana u qal illi dakinhar ta' l-incident kienu ircevew informazzjoni illi kien hemm passiggier gej Malta minn Dubai li kellu mieghu tlett elef smart card. Huwa cert illi hemm certi restrizzjonijiet fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' dawn l-ismart cards, peress illi trid issir applikazzjoni lid-Dwana biex dawn il-cards jiddahlu. Din l-applikazzjoni issir mhux minn min ikun qieghed idahhal dawn il-cards, izda minn dak li huma issejjhulu ir-right holder, dak li jkollu id-drittijiet fir-rigward tal-uzu ta' dawn il-cards. Huwa specifika illi l-cards jistghu jidhlu, ir-restrizzjoni hija fir-rigward tal-uzu ta' dawn il-cards u illi kien irrizultalhom fil-fatt illi l-uzu ta' dawn il-cards kienet ghas-socjeta' attrici estera Irdeto Access B.V., illi huwa jaf li taw struzzjonijiet lill-avukati taghhom Malta biex jipprocedu fir-rigward ta' dawn il-cards. Ix-xhud xehed illi ivverifikaw il-cards u sabu li kienu blanks u ma kien l-ebda indikazzjoni illi kellhom jintuzaw fir-rigward tad-drittijiet illi jappartjenu lill-imsemmija socjeta' estera, izda huma zammewhom peress illi deherilhom illi setghu jintuzaw b'mod irregolari, jew illegali. Ix-xhud kompla jghid illi l-cards dahlu Malta ma certu Tolba li meta wasal Malta iddikjarahom u fuqu kellu invoice mahruga a favur tal-konvenut Victor Fiorentino u ghalhekk huma assumew illi l-cards kienu intizi ghal Victor Fiorentino illi kien passigier fuq l-istess ajruplan u kien qieghed jivvjagga ma Tolba. Ix-xhud ammetta illi dawn il-cards jistghu jintuzaw ukoll jew minn clubs privati, jew inkella anke minn supermarkets, jew lukandi.

Ikkunsidrat:

Illi xehed l-attur Dr David Tonna u qal illi kienu ikkuntattjaw lid-Dwana dwar il-fatt illi kellha tidhol konsenja ta' dawn il-Gold Cards u s-socjeta' estera attrici kienu tawh il-mandat biex jitolbu lid-Dwana biex jivverifikaw f'hiex kienu jikkonsistu dawn il-Gold Cards. Kienu talbu wkoll lill-Kontrollur tad-Dwana biex jaghtihom

xi specimens ta' dawn il-cards u baghtuhom lis-socjeta' attrici u wara li s-socjeta' Irdeto ghamlet il-verifiki taghha, sabet li dawn kienu tip ta' Gold Cards li kienu f'hafna pajjizi qeghdin jigu spaccati biex tigi loaded fuqhom data li tippermetti illi t-transmissions taghhom li kienu qeghdin jillicenzjaw u ibieghu lil diversi kumpaniji tat-trasmissjonijiet li jittrasmettu via satellite, kienet qeghda tigi ikkupjata biex tippermetti d-decoding tas-sistema taghhom. L-attur ikkonferma illi dawn il-cards kienu blank, ma kien hemm l-ebda data fuqhom, izda b'dana kollu huma kienu aggixxew a bazi tal-Artikolu 42 tal-Kapitolu 414 fejn il-legislatur introduca kuncett gdid ta' dak li huwa il-vjolazzjoni ta' copy rights. Huwa xehed illi bizzejjed li persuna jkollu dawn il-mezzi, dawn il-cards, biex ikun jista jaghmel circumvention tal-copy right u ghalhekk is-socjeta' Irdeto kienet sabet illi dawn it-tip ta' cards kienu qeghdin jintuzaw specifikatament sabiex it-teknologija taghhom tigi circumvented, u kien ghalhekk illi talbu lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex izomm dawn il-cards u ma jippermettix illi johorgu fic-cirkolazzjoni fis-suq lokali. Huma kienu jafu wkoll illi x-xoghol principali tas-socjeta' konvenuta kienet illi tbiegh, jew taghti servizzi bhal Satellite Shop u allura l-iskop kien indikat illi dawn il-cards ser jigu loaded biex isir unauthorized access fuq it-trasmissjonijiet bis-sattellita. L-attur kompla jixhed illi s-socjeta' estera attrici holqot it-teknologija biex taghmel coding u decoding ta' satellite transmissions u qal illi l-cards in kwistjoni mhumiex it-tip li jigu uzati f'lukandi, jew biex jinfethu security doors, peress illi tant tista` tigi storjata data fuqhom illi ma jaghmilx sens illi tuzahom biex tiftah bieb ta' kamra ta' lukanda.

Illi xehed Stephen Kuster, rapprezentant tas-socjeta' estera attrici illi qal illi s-socjeta' Irdeto taghmel encryption system ghal data video u audio. Huma jaghmlu conditional access system li huwa software li taghti licenzja lill-broadcasters. Din is-software taghmel l-encryption tas-sinjal mis-satellita lejn id-dinja sabiex min ikollu id-decoder, is-satellita u dawn il-cards ikun jista` jara l-programmi trasmessi permezz tas-satellita. Ix-xhud qal illi huma ibieghu kemm il-licenzja, kif ukoll l-Smart Cards. Ix-xhud qal illi gew infurmati mid-Dwana f'Malta illi kienu waslu tlett elef Smart Cards f'Malta li kienu indirizzati

ghall-hanut tas-satellita f'Malta u kienu xtraw gold card f'Malta f'Irdeto Channels fuqhom. Huwa xehed illi l-card illi huwa kien ra ma kienux dawn illi kienu waslu id-Dwana, izda kienu bhalhom peress illi dawn li waslu f'Malta kienu vojta, izda kienu ezattament l-istess tip ta' cards. Ix-xhud qal illi dawn it-tip ta' cards huma verament facli biex jigu ikkuppjati u il-hackers ikunu precizament iridu dawn it-tip ta' cards sabiex jidhlu fl-internet u ibiddlu il-keys facilment. Ix-xhud qal illi ic-chips jigu prodotti it-Taiwan u minn hemm hekk imorru fid-dinja tal-pirazija. Il-cards jinxtraw ukoll minn fuq l-internet.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha talba quddiemha maghmula mis-socjeta' estera Irdeto Access B.V. sabiex tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti kisru d-drittijiet ta' l-awtur tas-socjeta' attrici bl-importazzjoni fid-19 ta' Frar 2001 ta' gold wafer cards, maghrufin ahjar bhala decoder cards jew Smart Cards kontra l-att dwar id-drittijiet tal-awtur Kap. 414 u illi l-importazzjoni temporanjament u / jew tqieghdet f'Malta da part ital-konvenuti jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-istess Kapitolu 414. Is-socjeta' estera attrici qeghda titlob ukoll illi l-konvenut Kontrollur tad-Dwana jigi ordnat jiddistruggi l-imsemmija cards minghajr l-ebda kumpens lil u a spejjez tal-konvenuti.

Illi l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 jghid hekk :

"Id-dhul gewwa Malta, l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, importazzjoni temporanja, tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jinsabu li jkunu oggetti li jikkontravjenu dritt ta' proprjetà intellettwali huwa pprojbit."

Il-vjolazzjoni tad-drittijiet tas-socjeta' attrici hija ibbazata minnhom fuq l-Artikolu 42 subartikolu 3 tal-Kap. 414 li kien jghid illi id-drittijiet tal-awtur jigu ivvjolati ukoll meta persuna minghajr il-licenzja tal-proprjetarju tad-dritt inter alia jimporta f'Malta oggett li l-unika skop tieghu huwa li jiffacilita it-tnehhija jew iqarqu b'mezzi applikati li jipprotegu ix-xoghol tal-awtur milli jigi ikkupjat.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici tikkontendi li mhijiex difiza li l-smart cards gew importati f’Malta blank ghaliex kien ikun bizzejjed li persuna timportahom blank u toffrihom hekk ghall-bejgh u tikser il-ligi jekk l-unika skop huwa li jiffacilita it-tnehhija jew iqarraq b’xi mezz teknologiku li jkun gie applikat biex jipprotegi ix-xoghol protett bid-drittijiet tal-awtur. Is-socjeta’ attrici tikkontendi li ghal fini ta’ dan l-Artikolu ma hemmx bzonn li l-persuna tkun ikkupjat ix-xoghol tal-awtur, f’dan il-kaz is-software zviluppat mis-socjeta’ estera peress li l-iskop ta’ l-smart cards kien dak li jiffacilita it-tnehhija mhux awtorizzata jew biex iqarrqu b’mezzi teknici applikati mis-socjeta’ estera biex tipprotegi ix-xoghol taghha kontra ikkupjar.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut Fiorentino u il-konvenuti l-ohrajn ma ressqu l-ebda prova.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Victor Fiorentino, Stephen Kuster ikkonferma d-dikjarazzjoni li tinsab a fol. 49 tal-process, sabiex b’hekk tressqet il-prova il-attur nomine huwa id-detentur legali tad-drittijiet ta’ l-awtur u tal-proprjeta intellettwali in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi dawn il-Gold Cards li dahlu f’Malta kienu blank u illi f’Malta ma hemm l-ebda restrizzjoni illi dawn it-tip ta’ cards una volta li jkunu blank jistghu jigu importati f’Malta.

Illi l-Perit Tekniku Martin Bajada xehed illi dawn il-cards jistghu jintuzaw ghall-iskop li semmiet is-socjeta’ estera attrici, izda hemm hafna uzu x’jista isir minnhom, inkluz uzu legali, izda xehed illi huwa minnu illi normalment dawn il-cards jigu intuzati ghall-uzu irregolari. L-espert tekniku xehed illi jista jkun illi dawn il-cards jintuzaw ghal xi club privat li jaghti access ghal xi membri tieghu ghall-premises tal-club fejn ikun hemm xadba elettronika u il-

cards jintuzaw biex jaghtu access ghall-kwartieri ta’ dan il-club. Qal ukoll illi dawn il-cards huma reklamati liberalment fuq l-internet u fuq magazines u gazzetti u ma hemm l-ebda restrizzjoni fir-rigward ta’ l-importazzjoni taghhom f’Malta. Martin Bajada xehed illi dawn il-cards jistghu jintuzaw ukoll minn supermarkets, jew stabbilimenti ohrajn li iridu jofru servizzi lill-klijentela taghhom.

Illi Carmel Portelli xehed illi l-cards jistghu jiddahlu f’Malta u illi dak li hu illegali huwa l-uzu li jsir minn dawk il-cards.

Ikkkunsidrat :

Illi s-socjeta’ estera attrici ma gabet l-ebda prova illi dawn il-cards gew imporati f’Malta mill-konvenuti bl-iskop illi jiksru id-drittijiet taghha.

Illi meta xehed Stephen Kuster huwa xehed biss dwar suspetti illi kellha is-socjeta’ estera attrici u l-unika haga li setgha jghid dan ix-xhud kien illi l-Kontrollur tad-Dwana tahom xi samples ta’ dawn l-Smart Cards u huma raw malajr, illi dawn il-cards kienu bhal dawk il-Gold Cards illi kienu jintuzaw ghal skopijiet illeciti madwar id-dinja, izda anke dan ix-xhud qal illi dawn il-cards jistghu jintuzaw ghal dak li trid int, anke ghal xoghol digitali ghaliex huma kapaci li jaqraw, jiktbu u huwa facli ferm li tikkupjahom, izda qal illi ma jaghmel l-ebda sens li tuzahom ghal skop iehor hlief ghal dak illi xehed dwaru hu.

Illi ghalhekk il-Qorti rat illi is-socjeta’ attrici ma ressqitx provi bizzejjed sabiex tipprova il-pretenzjonijiet taghha. Il-provi attrici huma wisq fjakki u ma jwasslux sal-grad tal-prova rikjesta mill-ligi fil-kamp civili.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Victor Fiorentino u wara li rat illi l-kuraturi deputati eccepew illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza odjerna, filwaqt illi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana, tilqa` it-tieni, it-tielet, ir-raba u is-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Fiorentino, izda tichad il-hames eccezzjoni tieghu

peress illi huwa ma ippruvahiex u tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------